

31995D0090

30.3.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 70/27

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-21 ta' Novembru 1994

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u l-akwakoltura li joriġinaw fl-Albanija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(95/90/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti ġejjin mis-sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' spezzjoni fl-Albanija sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom dawn l-oġġetti tas-sajd huma prodotti, mażżuna u mibgħuta lill-Komunita;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Albanija dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u l-osservazzjoni tal-prodotti li ġejjin mis-sajd jistgħu jkunu meqjusa li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi d-Direttorat ta' Servizzi Veterinarji tal-Ministeru ta' l-Agricoltura u lkel (DVSMAF), l-awtorita kompetenti fl-Albanija, hija kapaċi li tivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura użata għall-kisba taċ-ċertifikat tas-saħħa referuta fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jkopri wkoll id-definizzjoni ta' mudell ta' ċertifikat, il-ħtiġiet minimi li jirrigwardaw il-lingwa(i) li fihom għandha tkun abbozzata u l-grad tal-persuna awtorizzata sabiex tiffirmah;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mall-pakketti tal-prodotti li ġejjin mis-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' l-orijini;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha ssir lista tal-istabbilimenti approvati; billi dik il-lista għandha ssir abbażi tal-komunikazzjoni mid-DVSMAF lill-Kummissjoni; billi għal dan il-għan jitħalla lid-DVSMAF sabiex tassigura l-konformita mad-dispożizzjonijiet imqiegħda għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi d-DVSMAF ipprova assigurazzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw il-konformita mar-regoli mqiegħda fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u li jirrigwardaw it-twertieq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbilit b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma b'konformita ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttorat ta' Servizzi Veterinarji tal-Ministeru ta' l-Agricoltura u lkel (DVSMAF) huwa rikonoxxt bħala l-awtorita kompetenti fl-Albanija sabiex tivverifika u tiċċertifika l-konformita ta' prodotti li ġejjin mis-sajd bil-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Il-prodotti tas-sajd u l-akwakoltura li joriġinaw fl-Albanija, għandhom jilhq u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa oriġinali, nnumerat, mimli sewwa, iffiramat, mogħti d-data u li jikkonsisti minn folja waħda b'konformita mal-mudell fl-Anness A ta' hawn taħt;
2. Il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati elenkati fl-Anness B ta' hawn taħt;
3. apparti milli fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fil-massa u ntiżi għall-manifattura ta' l-ikel ippreservat, il-pakketti kollha għandhom ikollhom fuqhom il-kelma "Albanija" u n-numru ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' l-orijini fittri li ma jit-hassrux.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat referut fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 għandu jsir f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru ta' fejn jitwettqu l-investigazzjonijiet.
2. Iċ-ċertifikat għandu ikollu l-isem, il-pożizzjoni u l-firma tar-rappreżentant tad-DVSMAF u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' l-indikazzjonijiet l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Brussel, Fis-17 ta' Marzu, 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd jew l-akwakoltura li joriġinaw fl-Albanija u ntiżi għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar f'kull forma.

Numru ta' referenza:

Pajjiż ta' dispaċċ: Albanija

Awtorita kompetenti: Direttorat ta' Servizzi Veterinarji tal-Ministeru ta' l-Agricoltura u Ikel (DVSMAF)

I. Dettalji li jidentifikaw il-prodotti

Deskrizzjoni tal-prodott tas-sajd jew ta' l-akwakoltura ⁽¹⁾:

— speċje (isem xjentifiku):

— presentazzjoni tal-prodott ⁽²⁾ u tip tat-trattament:

Numru tal-kodiċi (meta disponibbli):

Tip ta' l-imballaġġ:

Numru ta' pakketti:

Piż nett:

Temperatura meħtieġa għall-ħażna u t-trasport:

II. Oriġini tal-prodotti.

Isem(ijiet) u numru(i) uffiċjali ta' l-approvazzjoni tal-istabbiliment(i) approvati mill- DVSMAF għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità:

.....

III. Destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakoltura ⁽¹⁾ ser jintbagħtu:

.....
 (post tad-dispaċċ)

Lejn:

(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin:

L-isem u l-indirizz tal-konsennjatur:

.....

Isem u l-indirizz tal-konsennjant u tal-post tad-destinazzjoni:

.....

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.

⁽²⁾ Ħajjin, imkessħin, iffriżati, immellħin, iffumigati, ippreservati, eċċ.


IV. Attestazzjoni tas-saħħa

L-ispettur uffiċjali jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakoltura speċifikati hawn fuq:

1. Inqabdu u ġew imqandla abbord vapuri b'konformita mar-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. Tniżżlu l-art, ġew imqandla u meta xieraq ippakkjati b'mod xieraq, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, imdewba u maħżuna b'mod iġjeniku b'konformita mal-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
3. jġu minn stabiliment(i) li għandu(hom) faċilità individwali għal trattament ta' l-ilma permezz tal-klorinazzjoni, li jipprovdli l-forniment ta' l-ilma tax-xorb fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-KEE, u li d-detentur huwa meħtieġ li jagħmel investigazzjoni kuljum dwar il-livell tar-residwu tal-klorin, u li jqabbd lil min jagħmel, l-laboratorju uffiċjali tal-Ministeru tas-saħħa, investigazzjonijiet ta' kull xahar fir-rigward għall-parametri mikrobijoloġiċi;
4. għaddew minn kontrolli tas-saħħa b'konformita mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
5. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati b'konformita mal-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
6. ma jġux minn speċje tossiċi jew minn speċje li fihom il-biotossini;
7. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-investigazzjonijiet organoleptiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti li ġejjin mis-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha.

L-ispettur uffiċjali ffirmat hawn taħt jiddikjara li huwa konxju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u 92/48/KEE.

Magħmul fi ,
(post) (data)



.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)
(isem f'ittri kbar, pożizzjoni u l-kwalifiki tal-persuna li tiffirma).

(1) Il-kulur tat-timbru u tal-firma jridu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra mniżżla fiċ-ċertifikat.

ANNEX B

LISTA TA' STABILIMENTI

Numru ta' l-approvazzjoni	Stabiliment	Indirizz	Limitu tad-data ta' l-approvazzjoni
1	Konservimi Adriatik	Durres	tal-31.12.1995
2	Vival Novosel	Vlore	tal-31.12.1995
3	Kap	Kavaje	tal-31.12.1995
4	Albamar	Durres	tal-31.12.1995
5	Aulona-Peshk	Vlore	tal-31.12.1995
6	Pesca Adriatik	Vlore	tal-31.12.1995
7	Sangiovani	Lezhe	tal-31.12.1995
8	Italpeshk	Durres	tal-31.12.1995
9	Peshk Karavasta	Lushnje	tal-31.12.1995
10	Toma	Lezhe	tal-31.12.1995
11	Ihtisara	Sarande	tal-31.12.1995
12	Limjon Peska	Sarande	tal-31.12.1995
13	Velipoje Peshk	Shkoder	tal-31.12.1995
14	N. Peshkimi	Shkoder	tal-31.12.1995
15	Orik Peshk	Vlore	tal-31.12.1995
16	Goga-Shengiin	Lezhe	tal-31.12.1995